**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2020**

**Rikors Numru : 74/2020 JPG**

**Kawza Numru : 23**

**BA**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' BA, datat 21 ta' Frar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1) *Illi r-rikorrenti izzewwget lill-intimat, CB fil-Parocca ta' Santa Marija, Hal Ghaxaq fit-tmintax ta' Mejju elfejn u tmienja (18/05/2008). Anness ic-certifikat taz-zwieg (Dok 'A');*

2) *Illi, minn dan iz-zwieg twieled tifel, JB, li twieled f'X u ghalhekk ghadu minuri.*

3) *Illi r-rikorrenti u zewgha l-intimat isseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, in atti tan-Nutar Dorianne Arapa, datat dsatax ta' Frar elfejn u sittax (19/02/2016), liema kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni tinsab hawn esebita u mmarkata bhala Dok 'B';*

4) *Illi llum il-gurnata m'hemm ebda prospett li r-rikorrenti tirrikoncilja mall-intimat zewgha stante li ilhom ghal dawn l-ahhar erba' snin (4) separati minn xulxin u jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

5) *Illi, in oltre, ma hemm l-ebda pendenza rigward il-manteniment f'dan l-istadju stante li l-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt tal-manteniment fil-konfront ta' xulxin,*

*mentri ghar-rigward tal-minuri l-intimat obbliga ruhu li jhallas l-ammont ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) fix-xahar, liema manteniment dejjem thallas mill-intimat. Ghalhekk r-rikorrenti ma ghandha l-ebda pendenza ghall-hlas tal-manteniment ghall-minuri fil-konfront tal-intimat;*

6) *In oltre, r-rikorrenti qieghda tipprezenta l-Affidavit taghha u li jinsab hawn esebit u mmarkat bhala Dok. 'C';*

7) *Illi r-rikorrenti tixtieq li tottjeni d-divorzju u taqbel li ż-żwieġ taghha mal-intimat għandu jiġi maħlul;*

8) *Illi, dawn il-fatti sopra citati jissodisfaw pienament il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16, tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti qieghda umilment titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju bejnha u l-intimat zewgha, CB u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom, celebrat fit-tmintax ta' Mejju u tas-sena elfejn u tmienja (18/05/2008), maħlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi debitament reġistrat fir-Reġistru Pubbliku, u ghalhekk tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni mehtiega f'dan is-sens u dan taħt kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat deher mhux assistit f'seduta stante tal-24 ta' Novembru 2020, u l-Qorti spjegatlu d-drittijiet legali tieghu izda hu rrisponda li kien gia tkellem ma avukat u ma jehtiegx assistenza ulterjuri u li ma jopponix ghad-divorzju (vide fol 14);

Rat illi l-attrici ddikjarat illi ma ghandhiex oggezzjoni thallas ghall-ispejjes tal-proceduri (vide fol 14);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

BA xedhet (vide affidavit fol 7) illi iżżewwġet lil CB fit-tmintax ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali datat dsatax ta' Frar 2016, xehdet illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet peress li ilhom għal aktar minn erba' snin separati u illi t-tnejn bnew ħajjithom ma' terzi persuni. Xehdet ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment.

CB xehed (vide fol 16 et seq) li kkonferma x-xhieda tal-attrici. Ikkonferma li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment u li ma hemmx speranza ta' rikonciljazzjoni u li l-partijiet qatt ma rrikonciljaw wara s-separazzjoni taghhom.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw***

***għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Mejju 2008 (Dok A fol 3) u minn dan iż-żwieġ huma kellhom wild wieħed;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa, datat 19 ta' Frar 2016 (vide Dok.B fol 4 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

Il-Qorti rat il-verbal tal-24 ta' Novembru 2020 illi permezz tieghu r-rikorrenti assummiet ir-responsabbilita ghall-hlas ta' l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri (Vide Fol 14).

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez ikunu a karigu tar-rikorrenti.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**